# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 29 ta' Mejju 2025**

**Numru 3**

**Rikors Numru 274/2023**

**Teresa sive Tereza Vassallo (KI 598756M)**
**Carmelo Vassallo (KI 152657M) għal kull interess li jista jkollhu**
**Salvina Grech (KI 566239M)**
**Josephine Busuttil (KI 164543M)**
**Vincent Busuttil (KI 802940M) għal kull interess li jista jkollhu**
**Carmena sive Carmen Cassar (KI 399945M)**
**Michelina sive Lina Magri (KI 330147M)**
**Paul Cachia (KI 357749M)**
**Maria Doris sive Mary Dolores Cachia (KI 935251M) għal kull interess li jista jkollha**
**Rita Callus (KI 207662M)**
**Carmel Callus (KI 627554M) għal kull interess li jista jkollhu**
**Jane Farrugia (KI 294251M)**
**Paul Farrugia (KI 274453M) għal kull interess li jista jkollhu**
**Mary Farrugia (KI705654M)**

**Innocent Farrugia (KI937450M) għal kull interess li jista jkollhu**
**Leonard Farrugia (KI 837150M)**
**Steve Farrugia (KI 239278M)**
**Jennifer Farrugia (KI 0414400L) għal kull interess li jista jkollha**
**Bernard Farrugia (KI 11883M)**
**Melinda Bonnici (KI 0310783M) għal kull interess li jista jkollha**
**Edward Farrugia (KI 379587M)**
**Amanda Farrugia (KI 15990M) għal kull interess li jista jkollha**

**Vs**

**Avukat tal-Istat**

**Salvator Calleja (KI 65968M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Teresa Vasslo u oħrajn (ir-rikorrenti) tat-22 ta' Mejju 2023 li permezz tiegħu premettew u talbu s-segwenti:

1. Illi l-atturi huma kollha sidien f'ishma differenti tal-utile dominju perpetwu fuq il-fond numru 9, Triq Valletta, Kirkop, salv għall-attur Leonard Farrugia li huwa usufruttwarju ta' sehem ta' 1/10 li kien jappartjeni lid-defunta martu Modesta Farrugia;

2. Illi l-ishma tal-atturi fil-fond mertu ta' dawn il-proċeduri huma kjarament imnizzlin fl-att notarili ossia konverżjoni ta' ċens ippublikat min-nutar Dottor Marija Cachia tad-9 ta' Marzu tas-sena 2023 li permezz tiegħu iċ-ċens minn wieħed temporanju ġie konvertit għal wieħed perpetwu ai termini tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta f' isem ir-rikorrenti (Kuntratt anness u mmarkat 'Dok A');

3. Illi dan il-fond kien originarjament ingħata b'titolu ta' enfitewsi temporanja ta' 99 sena lill-ante causa ta' Albert Cachia li huwa missieri

ir-rikorrenti Tereza Vassallo, Salvina Grech, Josephine Busuttil, Carmen Cassar, Michelina Magri, Paul Cachia, Rita Callus, Jane Farrugia, Mary Farrugia, kif ukoll missier Modesta Farrugia llum defunta u cioe omm Steve, Bernard u Edward aħwa Farrugia. Dan kien sar b'konċessjoni fl-atti tan-Nutar Teodoro Gera tal-25 t'Ottubru 1868;

4. Illi permezz ta' kuntratt ippublikat fl-atti tan-Nutar Eduardo Calleja Schembri fit-22 t'Awwissu 1953, dan iċ-ċens kien iġġedded a favur l-utilista Albert Cachia għal ħamsin sena oħra u cioe sas-sena 2017;

5. Illi wara l-iskadenza taċ-ċens temporanju, l-esponenti talbu li dan jiġi konvertit f'ċens perpetwu ai termini tal-artikolu 12(4) u (6) tal-Kap. 12 tal-liġijiet ta' Malta, liema kuntratt ġie ppublikat fid-9 ta' Marzu tas-sena 2023;

1. Illi dan il-fond huwa mikri lil Salvator Calleja u ilu hekk mikri lill-ġenituri tiegħu li llum ġew neqsin għal madwar 70 sena;

2. Illi għal din il-kirja l-esponenti jirċievu l-ħlas ta' ftit aktar minn 200 ewro fis-sena, liema kera hija ffissta skont il-liġi, salv għaż-żieda abbażi tal-indiċi tal-inflazzjoni kull tlett snin;

3. Illi qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att numru XXIV tal-2021 l-esponenti qatt ma setgħu jitolbu awment fil-kera li jirrifletti il-valur fis-suq tal-fond jew tal-inqas li jiġi akkordat lilhom ħlas ta' kera raġonevoli li toħloq bilanċ bejn id-drittijiet tagħhom bħala sidien u d-dritt tal-Istat li jikkontrolla l-użu ta' propjeta privata għal skop soċjali, u wisq anqas ma setgħu jitolbu lura l-pussess battal tal-istess fond;

4. Illi dan kollu jikser id-dritt fundamentali tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-propjeta kif sanċit mill-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem liema Konvenzjoni hija inkorporata fil-liġi Maltija fl-ewwel sekda tal-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Illi ilu għal diversi snin, partikolarment qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att numru XXIV tal-2021 jiġi issa ritenut kemm mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u kemm mill-Qrati Maltin ta' Gurisdizzjoni Kostituzzjonali illi l-applikazzjoni tal-kap. 69 tal-liġijiet ta' Malta qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att numru XXIV tal-2021 kien jonqos milli joħloq bilanċ bejn id-drittijiet tas-sidien u d-drittijiet li jista jkollu l-Istat li jikontrolla l-propjeta privata, filfatti fid-deċiżjoni tagħha tal-24 ta' Ġunju tas-sena 2016 fl-ismijiet Ian Peter Ellis vs Avukat Ġenerali et il-Qorti Kostituzzjonali stabbiliet li *"Lanqas l-emendi ghall-Kodici Civili li sehhew bl-Att X tas-sena 2009 ma jistghu jitqiesu bhala li jaghtu rimedju effettiv ghall-lanjanzi tar-rikorrenti, kemm ghax tezisti diskrepanza enormi bejn l-awment fil-kera kontemplat fl-artikolu 1531C u l-valur lokatizju tal-fond fis-suq hieles, kif ukoll ghax id-*

*disposizzjonijiet tal-artikolu 1531F, fic-cirkostanzi tal-kaz, jaghmlu remota l-possibilita` li dawn jipprendu l-pussess tal-fond taghhom.";*

6. Illi għal dawn ir-raġunijiet l-esponenti qed jintavolaw il-preżenti proċeduri Kostituzzjonali;

7. Illi l-kawża odjerna qiedgħa tiġi limitata għall-effetti tagħha sad-data tad-dħul fis-seħħ tal-Att XXIV tal-2021 u cioe sal-aħħar ta' Mejju 2021, madanakollu b'riserva għal proċeduri kostituzzjonali ulterjuri fuq il-Kostituzzjonalita' tal-Att XXIV tal-2021 u liġijiet oħra li jirregolaw il-kera;

Għaldaqstant in vista tas-suespost l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

I. Tiddikjara u tiddeciedi illi fil-konfront tar-rikorrenti l-operazzjoni tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta` Bini, Kap. 69 tal-liġijiet ta' Malta kif ukoll Il-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-liġijiet ta' Malta, partikolarment kif emendat bl-Att numru X tal-2009 ikkreaw dritt ta' rilokazzjoni indefinita lill-intimat u l-ante causa tiegħu fil-fond numru 9, Emmang, Triq Valletta, Kirkop u naqsu milli jipprovdu għal-ħlas ġust li jikkrea bilanċ bejn id-dritt tas-sid u d-dritt tal-istat li jikkontrolla l-użu ta' propjeta privata u dan bi ksur tad-dritt fundamentali tal-esponenti għat-tgawdija tal-propjeta tagħhom sanċit mill-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 1 tal-ewwel protocol tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, liema Konvenzjoni hija inkorporata fil-liġi Maltija fl-ewwel sekda tal-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

II. Tagħmel dawk id-dikjarazzjonijiet, tagħti dawk l-ordnijiet, ir-rimedji u l-provvedimenti kollha meħtieġa biex tiżgura t-twettiq tad-dritt fundamentali tal-esponenti hawn fuq imsemmi, inkluz billi:

   i. Tiddikjara li l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għal kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji sofferti mill-esponenti;

   ii. Tilllikwida l-istess kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji;

   iii. Tikkundanna u tordna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas l-istess kumpens u danni hekk kif likwidati.

Bl-ispejjez kontra l-intimati jew min minnhom, minn issa inġunti in subizzjoni

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat (l-intimat Avukat) tat-8 ta' Ġunju 2023 li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:

1. Illi preliminarjament, l-esponent jeċepixxi n-nuqqas ta' interess ġuridiku tar-rikorrenti Carmelo Vassallo, Vincent Busuttil, Maria Doris sive Mary Dolores Cachia, Carmel Callus, Paul Farrugia, Innocent Farrugia, Jennifer Farrugia, Melinda Bonnici u Amanda Farrugia. Illi l-interess ġuridiku huwa presuppost proċesswali neċessarju sabiex titressaq azzjoni dwar allegati leżjonijiet tad-drittijiet fundamentali. Jekk kwalsiasi mir-rikorrenti mhumiex jallegaw li huma vittmi diretti jew indiretti ta' leżjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom, ifisser illi huma m'għandhomx l-interess ġuridiku neċessarju sabiex iressqu l-azzjoni, u għalhekk it-talbiet tagħhom ma jistgħux jiġu milqugħa;

2. Illi in vena preliminari wkoll, ir-rikorrenti jridu jġibu prova:
   a. tat-titolu li għandhom fuq il-fond 9, Triq Valletta, Kirkop; u
   b. tal-allegat ftehim tal-kirja u prova konvinċenti li tali kirja tabilħaqq hija regolata bil-**Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta;**

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fil-mertu, l-esponent jikkontendi li ma kien hemm ebda ksur **tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll** tal-Konvenzjoni Ewropea u **tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** stante li fil-każ odjern sar biss kontroll fl-użu tal-proprjetà in kwistjoni fil-parametri ta' dak permessibbli taħt dan id-dritt fundamentali;

4. Illi mingħajr preġudizzju, l-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** mhux applikabbli għaliex il-Kap. 69 u l-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta huma liġijiet li daħlu fis-seħħ qabel l-1962 u dan skont ma jipprovdi **l-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni**;

5. Illi fi kwalunkwe każ, l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

6. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jikkontendi li jekk din l-Onorabbli Qorti tqis li seħħ ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll, dan il-ksur jista' jissustixxi biss **sal-1 ta' Ġunju 2021** u cioè sad-data tad-dħul fis-seħħ tal-Att XXIV ta' 2021;

7. Illi bla ħsara għal dak ġia eċċeppit, mal-miġja tal-**artikolu 4A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta**, ir-rikorrenti ma jistgħux iżjed jilmentaw dwar il-fatt li l-kirja in kwestjoni ma tistax togħla b'mod proporzjonat. Bis-saħħa ta' dan l-artikolu, **i**r-rikorrenti jistgħu jitolbu lill-Bord li Jirregola l-Kera, li l-kera tiġi miżjuda għall-ammont li ma jaqbiżx it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur ħieles tas-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni fl-1 ta' Jannar tas-sena li matulha tiġi mressqa t-talba għaż-żieda fil-kera. Żieda fil-kera bir-rata qrib it-2% żżomm bilanċ tajjeb bejn l-interessi tas-sidien u tal-kerrej u dan partikolarment meta jkun hemm preżenti għanijiet leġittimi meħuda fl-interess pubbliku, bħalma huwa

f'dan il-każ. F'każijiet bħal dawn il-kumpens dovut lis-sid minħabba l-indħil fit-tgawdija ta' ħwejġu, jiġbed lejh ammont li jkun ferm inqas mill-valur sħiħ tas-suq. Illi b'żieda ma dan kollu, skont l-istess **artikolu 4A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta**, sidien bħar-rikorrenti jistgħu jitolbu li jieħdu lura l-post u ma jġeddux il-kirja, jekk juru l-inkwilini ma ħaqqhomx protezzjoni mill-Istat;

Illi konsegwentement u kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti jidrilha li l-intimati qed jokkupaw il-fond in mertu bis-saħħa **Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta**, din l-Onorabbli Qorti m'għandiex tiddikjara li d-dispożizzjonijiet tal-**Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta** huma nulli u mingħajr effett fil-konfront tal-kirja ta' bejn il-partijiet. Konsegwentement din l-Onorabbli Qorti lanqas ma għandha tgħaddi biex tiddikjara li l-intimat ma jistax jistrieħ aktar fuq id-dispożizzjonijiet tal-**Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta**;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

Rat ir-risposta ta' Salvator Calleja (l-inimat inkwilin) tat-28 ta' Ġunju 2023

li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:

1. Illi preiminarjament ir-rikorrenti jridu jġibu prova adegwata tat-titolu tagħhom fuq il-fond in mertu numru disa (9) fi Triq Valletta, Kirkop.

2. Illi fil-mertu, l-esponenti jirrispiġi dawn l-allegazzjonijiet bħala infondanti fil-fatt u fid-dritt stante illi, l-ebda aġir tal-esponenti ma kiser jew illeda xi dritt fundamentai tar-rikorrent;

3. Illi mingħajr mreġudizju għal dak ġia eċċepit, l-esponent qed igawdi minn kirja protetta mil-liġi u dejjem aġixxa skont il-liġijiet viġenti matul it-terminu tal-kirja u għalhekk mhux fil-kompitu tiegħu li jwieġeb għal talbiet dwar ksur ta' drittijiet fundamentali u m'għandux ikun ikkundannat bi ksur ta' drittijiet fundamentali stante li ċittadin privat ma jistax ikun misjub li kiser drittijiet fundamentali ta' terzi u fi kwalunkwe każ m'għandux ikun iċ-ċittadin privat li jħallas hu għal xi ksur ta' drittijiet ta' terzi mill-istat.

4. Illi l-esponenti gawda d-drittijiet tiegħu fuq il-propjeta de quo kif permess skont l-liġi u għalhekk bl-ebda mod ma preġudikat d-drittijiet tar-rikorrenti.

5. Illi sussegwentement, n vista tal-fatt li l-esponenti ma kiser l-ebda Liġi juwa ma għandux ibgħati finanzjarjament, u għalhekk m'għandux jinkombi l-ispejjez ta' dawn il-proċeduri.

6. Konsegwentement, u għar-raġunijiet hawn fuq esposti t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż konta tagħhom.

7. Sal eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez

Rat id-dokumenti u l-atti fir-rikors.

Qrat u semgħet ix-xhieda.

Rat li r-rikors tħalla għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta fatti**

Ir-rikorrenti huma propjetarji tal-fond 9, Triq Valletta, Kirkop. Saru propjetarji bis-saħħa ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Maria Cachia tad-9 ta' Marzu 2023 u ċioe' ftit aktar minn xahrejn qabel ma bdiet din il-Kawża.

Dan seħħ peress li wara li skadiet l-emfitewżi oriġinali li kienet għal aktar minn 30 sena bis-saħħa ta' l-artikoli 12(4) u(6) setgħu jikkonvertu ċ-ċens għal wieħed perpetwu.

Dan il-fond ilu mikri għal aktar minn 70 sena lill-intimat inkwilin. Pero; hija ħaġa ironika li r-rikorrenti saru propji propjetarju qua utilisti perpetwi bis-saħħa tal-liġi li ta kuljum tiġi attakkata f'dawn il-Qrati fejn si tratta ta' okkupazzjoni minn inkwilini li jkunu hekk saru bl-istess liġi.

Ir-rikorrenti jilmentaw li kemm dan il-fond ilu mikri lill-intimat inkwilin huma u l-awturi tagħom kellhom id-drittijiet fundamentali tagħhom miksura bil-mod hawn taħt spjegat.

**Punti ta' Liġi**

L-ilment tar-rikorrenti huwa fis-sens, li l-operazzjonijiet tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta bil-protezzjoni li jagħtu lill-kerrej qegħdin jilledulhom d-drittijiet fundamentali tagħhom kif imħarsa mill-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u kif ukoll minn artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

Ir-raġunijiet indikati fil-premessi tar-rikors promotur huma l-istess raġunijiet li fuqhom il-Qorti Ewropeja konsistentement sabet ksur tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni fid-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69, dan għaliex dawn ġew ikkunsidrati li jikkostitwixxu interferenza mad-drittijiet tal-proprjetá tas-sid li hija inkompatibbli mat-tielet prinċipju ta' bilanċ ġust stabbilit fl-imsemmi artikolu protokollari.

Din l-interferenza kkawżata b'dawn id-dispożizzjonijiet ma żżommx "bilanċ xieraq" bejn l-esiġenzi tal-interess ġenerali tal-komunitá u l-ħtieġa tal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali ta' l-individwu. Il-Qrati tagħna baqgħu jsegwu din il-pożizzjoni kif adottata mill-Qorti ta' Strasburgu (ara espożizzjoni dettaljata tal-prinċipji ġurisprudenzjali stabbiliti mill-Qorti Ewropea kif riflessa fil-ġurisprudenża kostanti tal-Qrati Maltin fis-**Sentenza fl-ismijiet Margaret Caruana et - vs- L-Avukat Ġenerali et, Qorti Ċivili, Sede Kostituzzjonali, tat-18 ta' Marzu 2021;** ara wkoll fost oħrajn dik **fl-ismijiet Falzon -vs- Dun Saverin sive Xavier Qorti Ċivili,**

**Sede Kostituzzjonali, [per Imħallef Francesco Depasquale], tal-20 ta' Ottubru 2021**).

**Konsiderazzjonijiet**

L-intimat Avukat jwieġeb li r-rikorrenti iridu jipprovaw li huma vittmi diretti jew indiretti tal-leżjonijiet lamentati. Fil-fehma tal-Qorti dan jirriżulta mill-premessi tar-rikors promutur peress li huma wkoll qua sidien qegħdin jgħidu li ġew leżi d-drittijiet tagħhom minħabba l-istat tal-liġi.

Pero tajjeb li jingħad li fid-deċiżjoni ta' Lizarraga and Others v. Spain tal-10 ta' Novembru 2014, fejn il-QEDB qalet: *"... According to the Court's established case–law, the concept of "victim" must be interpreted autonomously and irrespective of domestic concepts such as those concerning an interest or capacity to act".*

Għalhekk din ma hiex kwistjoni ta' interess ġuridiku iżda kwistjoni jekk ir-rikorrenti għandhomx ilment li jolqot fil-qalba l-ħarsien li jagħti artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Il-Qorti hija tal-fehma li din ir-risposta għalhekk ser tkun riġettata.

Il-Qorti rat ukoll li r-rikorrenti irnexxilhom jipprovaw li huma sidien tal-fond mertu tal-proċeduri u dan ġie ċertament konfermat anke bil-kuntratt pubbliku fu imssemmi. Ix-xorta tal-prova f'dawn il-kawżi hija waħda li trid tikkonvinċi lil din il-Qorti u mhux dik djabolika fil-każ ta' l-azzjoni rei vendicatoria. Kwantu li din hija kirja regolata mill-Kap 69, dan jirriżulta mill-fatt li din il-kirja qatt ma ġiet dekontrollata u għalhekk baqgħet regolata mill-Kap 69 tal-liġijiet ta' Malta.

**Konsiderazzjonijiet**

*Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni*

Sa fejn jirrigwarda dan l-artikolu, l-intimat għandu raġun. Dan l-artikolu mhux applikabbli għaliex il-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta u anke dawk taħt il-Kodiċi Ċivili daħlu fis-seħħ qabel l-1962. Għalhekk sakemm ma jkunx provat li wara din id-data dawn il-liġijiet inbiddlu b'mod aktar oneruż kontra s-sid allura skond artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni qatt ma jista' jkollok ksur ta' dan l-artikolu partikolari.

*Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni*

Sa fejn l-azzjoni tolqot l-operazzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u ta' l-Att X tal-2009 kif kienu viġenti qabel l-introduzzjoni tal-emendi bl-Att XXIV tal-2021, il-fatti tal-każ in diżamina huma identiċi għal dawk ravviżati fid-diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea u tal-Qrati tagħna ċitati fis-**Sentenza fl-ismijiet Margaret Caruana et vs L-Avukat Ġenerali et.** Għaldaqstant japplikaw l-istess konsiderazzjonijiet legali hemm esposti. Isegwi għalhekk, li fil-każ tal-lum din il-Qorti tasal għall-istess konklużjoni li waslu għaliha Qrati oħra ripetutament f'kawżi ta' din ix-xorta u f'ċirkostanzi simili, u ċioe li dawn kienu leżivi tad-drittijiet fondamentali tas-sidien kif garantiti bl-ewwel artikolu tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Bħala rimedju r-rikorrenti qed titlob lill-Qorti tiddikjara lill-intimat Avukat tal-Istat responsabbli għall-kumpens u danni sofferti minnhom b'konsegwenza tal-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom. Din il-Qorti tara, li t-talba għar-rimedji xierqa hija bbażata fuq l-artikolu 13 tal-

Konvenzjoni li jipprovdi dritt għar-rimedju effettiv quddiem Qorti Nazzjonali. Għal-likwidazzjoni ta' kumpens xieraq il-Qorti għandha tapplika l-istess konsiderazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEBD) fil-paragrafi 101-109 tas-**Sentenza Cauchi -vs- Malta deċiża mill-Qorti Ewropea fil-25 ta' Marzu 2021.**

Fl-evalwazzjoni tad-dannu pekunjarju dovut lill-applikant bħala kumpens għat-telf ta' kontroll, użu u tgawdija tal-proprjetá tiegħu, il-QEBD fil-kawża Cauchi vs- Malta qieset, sa fejn kien xieraq, il-valuri lokatizzji fis-suq Malti tal-proprjetá matul il-perjodi rilevanti. Hija wkoll ikkunsidrat l-għanijiet leġittimi u l-"interess pubbliku" ta' dawn ir-restrizzjonijiet li jiġġustifikaw kumpens anqas mill-kumpens sħiħ li altrimenti jkun dovut skont il-valur tas-suq ħieles.

F'dan ir-rigward il-QEBD innotat li l-miżuri kontestati f'kawżi ta' din ix-xorta ġew meqjusa li kellhom bħala għan leġittimu l-protezzjoni soċjali tal-kerrejja. Il-QEBD madankollu sabet ukoll li l-ħtieġa u l-interess ġenerali għal din il-protezzjoni li setgħet kienet eżistenti f'Malta meta ġew introdotti dawn il-liġijiet battiet matul il-kors tat-tlett deċenji li segwew minn dik is-sena.

F'dan l-isfond il-QEBD qieset li għall-finijiet tal-għoti ta' kumpens, tali valuri lokatizzji jitnaqqsu b'madwar 30% abbażi ta' dak l-għan leġittimu. Il-QEBD żiedet tgħid li raġunijiet oħra ta' interess pubbliku jistgħu ma jiġġustifikawx tali tnaqqis. Il-QEBD aċċettat ukoll li l-proprjetá, kieku ma kinitx hekk suġġetta għal din il-leġislazzjoni impunjata, mhux bilfors kienet

sejra tinkera matul il-perjodu kollu. Dan speċjalment fid-dawl ta' kif sploda s-suq tal-propjeta' riċentement. Il-QEBD għaldaqstant qieset bħala aċċettabbli li jitqies li t-telf attwali kien inqas minn dak iddikjarat, b'mill-inqas 20%.

Magħdud dan kollu, il-QEDB qieset li l-kera li l-applikant ikun diġa rċieva għall-perjodu rilevanti għandu jitnaqqas mill-kalkolu rilevanti. F'dan ir-rigward, il-QEBD irriteniet li l-kera li għandha hekk titnaqqas hija dik applikabbli bl-istess liġi. Dan peress li l-applikant stess għażel minn jeddu li ma jżidx il-kera għal perjodu taż-żmien miftiehem.

Il-QEBD ikkunsidrat li għandu jiġi mnaqqas ukoll l-ammont globali mogħti mill-Qorti nazzjonali, liema ammont jibqa' pagabbli lill-applikant jekk ma jkunx għadu ġie hekk imħallas lilu. Di pju din il-Qorti ser tkun qed tillimita l-likwidazzjoni sa qabel l-introduzzjoni tat-tibdiliet fil-liġi u ċioe' sal-21 ta' Ġunju 2021 u dan għaliex wara dan il-perjodu r-rikorrenti għandhom għad-disposizzjoni tagħhom rimedju adegwat.

Għaldaqstant wara li ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi tal-każ u r rapport tal-Perit inkarigat minnha, il-Qorti tasal għall-konklużjoni li fiċ-ċirkostanzi l-ammont ta' ħamsin elf ewro (€50,000) bħala danni pekunjarji jkun adegwat. Bħala danni non-pekunjarji l-Qorti qed tillikwida kumpens ta' tlett elef ewro (€3000).

Huwa l-każ ukoll li l-intimat inkwilin jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju peress li huwa ma jaħti xejn għal-liġi inkwistjoni u di pju kull rimedju jrid jagħtih l-intimat Avukat.

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi dan ir-rikors bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba rikorrenti** limitatament għall-ksur tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

**Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba rikorrenti** għaliex il-Qorti ma għandha xejn x'iżżid ma' dak li ser jingħad hawn taħt.

**Tilqa' il-bqija tat-talbiet** rikorrenti billi tillikwida l-ammont ta' kumpens fit-totalita' tagħhom fl-ammont ta' tlieta u ħamsin elf ewro (€53,000) u tikkundanna lill-intimat avukat iħallas dan l-ammont lir-rikorrenti bl-imgħaxijiet minn din is-Sentenza sal-pagament effettiv.

**Tillibera lill-intimat** inkwilin mill-osservanza tal-ġudizzju.

Spejjes għall-intimat avukat.

**Imħallef Toni Abela** **Deputat Reġistratur**